② Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 357

Edizzjoni bil-Malti Informazzjoni u Avviżi Volum 62
21 ta' Ottubru 2019

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

2019/C 357/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea .... 1

**Il-Qorti Ġenerali**

2019/C 357/02 Ħatra tal-Assistent Reġistratur ........ 2

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

2019/C 357/03 Kawża C-162/19 P: Appell ippreżentat fit-22 ta' Frar 2019 minn Iceland Foods Ltd mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-14 ta' Diċembru 2018 fil-Kawża T-267/18 – Iceland Foods vs EUIPO - Íslandsstofa (INSPIRED BY ICELAND) ........ 3

2019/C 357/04 Kawża C-188/19 P: Appell ippreżentat fl-24 ta' Frar 2019 minn FV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) fl-14 ta' Diċembru 2018 fil-Kawża T-750/16, FV vs Il-Kunsill ........ 3

2019/C 357/05 Kawża C-230/19 P: Appell ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2019 minn Petr Fryč mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fil-15 ta' Jannar 2019 fil-Kawża T-513/18, Fryč vs Il-Kummissjoni........ 4

**MT**

Għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità, xi informazzjoni li tinsab f'din il-ħarġa ma tistax tibqa' tiġi żvelata, u għalhekk ġiet ippubblikata verżjoni awtentika ġdida.

| | | |
|---|---|---|
| 2019/C 357/06 | Kawża C-317/19 P: Appell ippreżentat fis-16 ta' April 2019 minn ND (*), OE (*) mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-27 ta' Frar 2019 fil-Kawża T-581/18, ND (*) u OE (*) vs Il-Kummissjoni | 4 |
| 2019/C 357/07 | Kawża C-433/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fis-6 ta' Ġunju 2019 – Ellmes Property Services Limited vs SP | 4 |
| 2019/C 357/08 | Kawża C-442/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-12 ta' Ġunju 2019 – Stichting Brein vs News-Service Europe BV | 5 |
| 2019/C 357/09 | Kawża C-462/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia (Spanja) fit-13 ta' Ġunju 2019 – Asociación Estatal de Empresas Operadoras Portuarias (ASOPORT) | 6 |
| 2019/C 357/10 | Kawża C-464/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fl-14 ta' Ġunju 2019 – Latte Villafranca SCRL, in liquidazione, et vs Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA), Regione Veneto | 7 |
| 2019/C 357/11 | Kawża C-468/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria regionale per il Veneto (l-Italja) fis-17 ta' Ġunju 2019 – Regione Veneto vs HD | 7 |
| 2019/C 357/12 | Kawża C-478/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fid-19 ta' Ġunju 2019 – UBS Real Estate Kapitalanlagegesellschaft mbH vs Agenzia delle Entrate | 9 |
| 2019/C 357/13 | Kawża C-479/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fid-19 ta' Ġunju 2019 – UBS Real Estate Kapitalanlagegesellschaft mbH vs Agenzia delle Entrate | 9 |
| 2019/C 357/14 | Kawża C-481/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte costituzionale (l-Italja) fil-21 ta' Ġunju 2019 – DB vs Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob) | 10 |
| 2019/C 357/15 | Kawża C-496/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria regionale della Campania (l-Italja) fil-25 ta' Ġunju 2019 – Antonio Capaldo SpA vs Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle dogane di Salerno | 11 |
| 2019/C 357/16 | Kawża C-497/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Zaragoza (Spanja) fis-26 ta' Ġunju 2019 – Ibercaja Banco, S.A. vs SO u TP | 11 |
| 2019/C 357/17 | Kawża C-499/19 P: Appell ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 minn Victor Lupu mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-30 ta' April 2019 fil-Kawża T-558/18: Lupu vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea - Et Djili Soy Dzhihangir Ibryam (Djili DS) | 12 |
| 2019/C 357/18 | Kawża C-505/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fit-3 ta' Lulju 2019 – WS vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja | 12 |
| 2019/C 357/19 | Kawża C-512/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fit-3 ta' Lulju 2019 – Go Sun Srl, Malby Energy 4 Srl vs Ministero dello Sviluppo Economico et | 13 |
| 2019/C 357/20 | Kawża C-517/19 P: Appell ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2019 minn Maria Alvarez y Bejarano et mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-30 ta' April 2019 fil-Kawżi magħquda T-516/16 u T-536/16, Alvarez y Bejarano et vs Il-Kummissjoni | 14 |
| 2019/C 357/21 | Kawża C-518/19 P: Appell ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2019 minn Jakov Ardalic et mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-30 ta' April 2019 fil-Kawżi T-523/16 u T-542/16, Ardalic et vs Il-Kunsill | 15 |

2019/C 357/22 Kawża C-538/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Constanța (ir-Rumanija) fl-10 ta’ Lulju 2019 – TS, UT, VU vs Casa Națională de Asigurări de Sănătate, Casa de Asigurări de Sănătate Constanța 16

2019/C 357/23 Kawża C-544/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Blagoevgrad (il-Bulgarija) fis-17 ta’ Lulju 2019“ECOTEX BULGARIA” EOOD vs Teritorialna direktsia na Natsionalnata agentsia za prihodite . . . 17

2019/C 357/24 Kawża C-553/19 P: Appell ippreżentat fit-18 ta’ Lulju 2019 mill-International Tax Stamp Association Ltd (ITSA) mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fis-16 ta’ Mejju 2019 fil-Kawża T-396/18, ITSA vs Il-Kummissjoni Ewropea . . . 18

2019/C 357/25 Kawża C-554/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Kehl (il-Ġermanja) fit-18 ta’ Lulju 2019 – Proċeduri kriminali kontra FU . . . 19

2019/C 357/26 Kawża C-555/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Stuttgart (il-Ġermanja) fid-19 ta’ Lulju 2019 – Fussl Modestraße Mayr GmbH vs SevenOne Media GmbH . . . 21

2019/C 357/27 Kawża C-561/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-23 ta’ Lulju 2019 – Consorzio Italian Management, Catania Multiservizi SpA vs Rete Ferroviaria Italiana SpA . . . 22

2019/C 357/28 Kawża C-595/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fit-23 ta’ Lulju 2019 – Fototre Srl vs Ministero dello Sviluppo Economico et . . . 23

2019/C 357/29 Kawża C-600/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Zaragoza (Spanja) fis-6 ta’ Awwissu 2019 – MA vs Ibercaja Banco, SA . . . 23

2019/C 357/30 Kawża C-602/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Köln (il-Ġermanja) fid-9 ta’ Awwissu 2019 – kohlpharma GmbH vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja . . . 24

2019/C 357/31 Kawża C-608/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-12 ta’ Awwissu 2019 – Istituto nazionale per l’assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (INAIL) vs Zennaro Giuseppe Legnami Sas di Zennaro Mauro & C. . . . 25

2019/C 357/32 Kawża C-616/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (l-Irlanda) fis-16 ta’ Awwissu 2019 – M.S., M.W., G.S. vs Minister for Justice and Equality . . . 26

2019/C 357/33 Kawża C-624/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Watford Employment Tribunal (ir-Renju Unit) fit-22 ta’ Awwissu 2019 – K et vs Tesco Stores Ltd . . . 27

2019/C 357/34 Kawża C-658/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Settembru 2019 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta’ Spanja . . . 27


**Il-Qorti Ġenerali**


2019/C 357/35 Kawża T-603/17: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta’ Settembru 2019 – Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni Ewropea (“FAEG u FAEŻR – Infiq eskluż mill-finanzjament – Regolament (KE) Nru 1698/2005 – Assi 4 ‘LEADER’– Regolament (UE) Nru 65/2011 – Kontrolli amministrattivi – Obbligu li tiġi stabbilita sistema xierqa li tippermetti l-evalwazzjoni tan-natura raġonevoli tal-infiq – Kontribuzzjoni in natura fil-forma ta’ xogħol volontarju – Kontribuzzjoni in natura fil-forma ta’ kontribuzzjoni ta’ proprjetà immobbli – Kontrolli fuq il-post – Preżenza ta’ dokumenti li jiġġustifikaw it-talbiet għal ħlas – Implimentazzjoni ta’ tranżazzjonijiet iffinanzjati konformement mar-regoli relatati mal-kuntratti pubbliċi”) . . . 29

2019/C 357/36 Kawża T-217/18: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta’ Settembru 2019 – DK vs SEAE (“Servizz pubbliku – Proċeduri dixxiplinari – Kundanna kriminali – Sanzjoni ta’ tnaqqis mill-ammont tal-pensjoni – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Proporzjonalità – Obbligu ta’ motivazzjoni – Ċirkustanzi attenwanti – Responsabbiltà”) . . . . . . . . . 30

2019/C 357/37 Kawża T-308/18: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta’ Settembru 2019 – Hamas vs Il-Kunsill (“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra persuni, gruppi u entitajiet fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu – Iffriżar ta’ fondi – Possibbiltà għal awtorità ta’ Stat terz li tiġi kklassifikata bħala awtorità kompetenti fis-sens tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK – Bażi fattwali tad-deċiżjonijiet ta’ ffriżar ta’ fondi – Obbligu ta’ motivazzjoni – Żball ta’ evalwazzjoni – Prinċipju ta’ nuqqas ta’ ndħil – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Awtentifikazzjoni tal-atti tal-Kunsill”) . . . . . . . . . 30

2019/C 357/38 Kawża T-680/18: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta’ Settembru 2019 – SLL Service vs EUIPO – Elfa International (LUMIN8) (“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva LUMIN8 – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea LUMI – Raġuni assoluta ta’ rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”) 31

2019/C 357/39 Kawża T-689/18: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta’ Settembru 2019 – Executive Selling vs EUIPO (EXECUTIVE SELLING) (“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva EXECUTIVE SELLING – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001”) . . . . . . . . . 32

2019/C 357/40 Kawża T-744/18: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta’ Settembru 2019 – Oakley vs EUIPO – Xuebo Ye (Rappreżentazzjoni ta’ elissi mhux kontinwa) (“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta elissi mhux kontinwa – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea preċedenti li tirrappreżenta elissi – Raġuni relattiva għal rifjut – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”) . . . . . . . . . 33

2019/C 357/41 Kawża T-753/18: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta’ Settembru 2019 – C&A vs EUIPO (#BESTDEAL) (“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea #BESTDEAL – Raġuni assoluta ta’ rifjut – Assenza ta’ natura distintiva – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”). . . . . . . . . 33

2019/C 357/42 Kawża T-434/17: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta’ Lulju 2019 – Younique vs EUIPO – Jafer Enterprises R&D (younique products) (Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Irtirar tal-oppożizzjoni – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni). . . . . . . . . 34

2019/C 357/43 Kawża T-511/19: Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Lulju 2019 – Staciwa vs Il-Kummissjoni Europea . . . . . . . . . 35

2019/C 357/44 Kawża T-529/19: Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Lulju 2019 – Adeso vs Il-Kummissjoni. . . . . . . . . 36

2019/C 357/45 Kawża T-536/19: Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Lulju 2019 – Militos Symvouleftiki vs Il-Kummissjoni. . . . . . . . . 37

2019/C 357/46 Kawża T-573/19: Rikors ippreżentat fis-16 ta’ Awwissu 2019 – DS et vs Il-Kummissjoni u SEAE. . . . . . . . . 38

2019/C 357/47 Kawża T-575/19: Rikors ippreżentat fid-19 ta’ Awwissu 2019 – EI vs Il-Kummissjoni Ewropea . . . . . . . . . 38

2019/C 357/48 Kawża T-576/19: Rikors ippreżentat fid-19 ta’ Awwissu 2019 – DV et vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . . 39

2019/C 357/49 Kawża T-580/19: Rikors ippreżentat fl-20 ta’ Awwissu 2019 – Borborudi vs Il-Kunsill. . . . . . . . . 40

2019/C 357/50 Kawża T-584/19: Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Awwissu 2019 – thyssenkrupp vs Il-Kummissjoni . . . . . . . . . 41

| | | |
|---|---|---|
| 2019/C 357/51 | Kawża T-595/19: Rikors ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2019 – Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs EUIPO – Fontana Food (GRILLOUMI BURGER) | 42 |
| 2019/C 357/52 | Kawża T-621/17: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Lulju 2019 – Taminco u Arysta LifeScience Great Britain vs EFSA | 43 |
| 2019/C 357/53 | Kawża T-720/18: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Lulju 2019 – AMVAC Netherlands vs EFSA | 44 |
| 2019/C 357/54 | Kawża T-335/19: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Awwissu 2019 – Cantieri del Mediterraneo vs Il-Kummissjoni | 44 |

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

**L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea**

(2019/C 357/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 348, 14.10.2019

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 337, 7.10.2019

ĠU C 328, 30.9.2019

ĠU C 319, 23.9.2019

ĠU C 312, 16.9.2019

ĠU C 305, 9.9.2019

ĠU C 295, 2.9.2019

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

# IL-QORTI ĠENERALI

**Ħatra tal-Assistent Reġistratur**

(2019/C 357/02)

Matul il-laqgħa plenarja tat-13 ta' Frar 2019, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet taħtar lil Thomas Henze, fil-kwalità ta' Assistent Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, konformement mal-Artikolu 33 tar-Regoli tal-Proċedura, moqri flimkiem mal-Artikolu 32 ta' dawn ir-regoli.

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Appell ippreżentat fit-22 ta’ Frar 2019 minn Iceland Foods Ltd mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-14 ta’ Diċembru 2018 fil-Kawża T-267/18 – Iceland Foods vs EUIPO - Íslandsstofa (INSPIRED BY ICELAND)**

**(Kawża C-162/19 P)**

(2019/C 357/03)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Iceland Foods Ltd (rappreżentanti: S. Malynicz QC, S. Baran, Barrister, J. Hertzog, C. Hill u J. Warner, Solicitors)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

B’digriet tal-5 ta’ Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (is-Sitt Awla) iddeċidiet li tiċħad l-appell bħala manifestament infondat u kkundannat lil Iceland Foods għall-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

**Appell ippreżentat fl-24 ta’ Frar 2019 minn FV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) fl-14 ta’ Diċembru 2018 fil-Kawża T-750/16, FV vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-188/19 P)**

(2019/C 357/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* FV (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Parlament Ewropew, Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta’ digriet tat-3 ta’ Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ċaħdet l-appell.

---

**Appell ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2019 minn Petr Fryč mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fil-15 ta' Jannar 2019 fil-Kawża T-513/18, Fryč vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-230/19 P)**

(2019/C 357/05)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Partijiet**

*Appellant:* Petr Fryč (rappreżentant: Š. Oharková, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-5 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddeċidiet li l-appell huwa manifestament infondat.

---

**Appell ippreżentat fis-16 ta' April 2019 minn ND (*), OE (*) mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-27 ta' Frar 2019 fil-Kawża T-581/18, ND (*) u OE (*) vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-317/19 P)**

(2019/C 357/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* ND (*), OE (*) (rappreżentant: A. Bove, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea
Permezz ta' digriet tat-3 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ċaħdet l-appell.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fis-6 ta' Ġunju 2019 – Ellmes Property Services Limited vs SP**

**(Kawża C-433/19)**

(2019/C 357/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ellmes Property Services Limited

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

*Konvenuta:* SP

**Domandi preliminari**

1) L-ewwel alternattiva tal-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ([1]) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell Ia") għandha tiġi interpretata fis-sens li l-azzjonijiet ta' koproprjetarju intiżi sabiex koproprjetarju ieħor jiġi pprojbit milli jimmodifika, arbitrarjament u mingħajr il-kunsens tal-koproprjetarji l-oħra, il-proprjetà tiegħu f'koproprjetà, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu intiż tagħha, għandhom l-għan li jsostnu dritt *in rem*?

2) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

Il-punt 1(a) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell Ia għandu jiġi interpretat fis-sens li l-azzjonijiet imsemmija [fl-ewwel domanda] jikkonċernaw obbligi kuntrattwali li għandhom jiġu eżegwiti fil-post fejn jinsab l-oġġett?

([1]) ĠU 2012, L 351, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-12 ta' Ġunju 2019 – Stichting Brein vs News-Service Europe BV**

**(Kawża C-442/19)**

(2019/C 357/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Stichting Brein

*Konvenuta:* News-Service Europe BV

**Domandi preliminari**

1) L-operatur ta' pjattaforma ta' servizzi Usenet (bħal ma kienet NSE) [...], iwettaq komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur")?

2) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda (u għalhekk, f'każ ta' eżistenza ta' komunikazzjoni lill-pubbliku):

Il-konstatazzjoni li l-operatur ta' pjattaforma ta' servizzi Usenet wettaq komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, tippreklud l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399; iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku")?

3) F'każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda (u għalhekk, jekk bħala prinċipju l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku hija applikabbli):

L-operatur ta' pjattaforma ta' servizzi Usenet, li jipprovdi servizzi [...], għandu rwol attiv li barra minn hekk jippreklud l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku?

4) L-operatur ta' pjattaforma ta' servizzi Usenet li jwettaq komunikazzjoni lill-pubbliku u li għandu d-dritt li jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku jista' jiġi suġġett għal ordni ta' waqfien tal-ksur jew għal ordni li għandha portata iktar wiesgħa minn dik deskritta fl-Artikolu 14(3) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, jew tali ordni tmur kontra l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia (Spanja) fit-13 ta' Ġunju 2019 – Asociación Estatal de Empresas Operadoras Portuarias (ASOPORT)**

**(Kawża C-462/19)**

(2019/C 357/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Parti kkonċernata fil-kwalità tagħha ta' persuna affettwata:* Asociación Estatal de Empresas Operadoras Portuarias (ASOPORT)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Asociación Nacional de Empresas Estibadoras y Consignatarios de Buques (ANESCO), Comisiones Obreras, Coordinadora Estatal de Trabajadores del Mar (CETM), Confederación Intersindical Galega, Eusko Langileen Alkartasuna, Langile Abertzaleen Batzordeak, Unión General de Trabajadores (UGT)

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ftehimiet bejn operaturi u rappreżentanti tal-ħaddiema huma pprojbiti, inkluż taħt l-isem ta' ftehimiet kollettivi, meta dawn jipprevedu t-teħid tal-ħaddiema marbuta mas-SAGEP [Sociedad Anónima de Gestión de Estibadores Portuarios (il-Kumpannija Pubblika ta' Responsabbiltà Limitata ta' Mmaniġġar tal-Burdnara)] mill-impriżi li jitilqu minn magħha u l-mod li bih dan it-teħid għandu jseħħ?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għad-domanda preċedenti, l-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali bħal dawk inklużi fir-Real Decreto-ley 9/2019 (id-Digriet-Liġi Rjali 9/2019) inkwantu dawn jipprovdu l-bażi għall-ftehimiet kollettivi li jimponu forma speċifika ta' teħid tal-ħaddiema li tmur lil hinn mill-kwistjonijiet fil-qasam tax-xogħol u toħloq armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet kummerċjali?

3) Fil-każ li jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet legali ċċitati huma kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni u l-konsegwenzi tagħha, inklużi fost oħrajn fis-sentenzi Simmenthal [1] u Fratelli Costanzo [2], għandha tiġi interpretata fis-sens li tobbliga lil korp tad-dritt pubbliku bħall-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia (il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Swieq u tal-Kompetizzjoni, Spanja) ma japplikax id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali kuntarji għall-Artikolu 101 TFUE?

4) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 101 TFUE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat [3], u l-obbligu li tiġi żgurata l-effettività tar-regoli tal-Unjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeħtieġu li awtorità amministrattiva bħall-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia (il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Swieq u tal-Kompetizzjoni) timponi multi u pagamenti ta' penalità fuq l-entitajiet li għandhom aġir bħal dak deskritt?

---

[1] Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1976, Simmenthal (35/76, EU:C:1976:180).
[2] Sentenza tat-22 ta' Ġunju 1989, Costanzo (103/88, EU:C:1989:256).
[3] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fl-14 ta' Ġunju 2019 – Latte Villafranca SCRL, in liquidazione, et vs Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA), Regione Veneto**

**(Kawża C-464/19)**

(2019/C 357/10)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Latte Villafranca SCRL, in liquidazione, Azienda Agricola Cordioli Cesarino e Noè società semplice, Cordioli Evaristo e Loredano società semplice, DZ, EA, FB

*Konvenuti:* Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA), Regione Veneto

**Domandi preliminari**

1. Id-dritt tal-Unjoni għandu, f'sitwazzjoni bħal dik deskritta u li hija s-suġġett tal-proċedura fuq il-mertu, jiġi interpretat fis-sens li l-inkompatibbiltà ta' dispożizzjoni leġiżlattiva ta' Stat Membru mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3950/92 ([1]) tirriżulta fl-ineżistenza tal-obbligu għall-produtturi li jħallsu imposta addizzjonali meta jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmi regolament?

2. Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ġenerali ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandu, f'sitwazzjoni bħal dik deskritta u li hija s-suġġett tal-proċedura fuq il-mertu, jiġi interpretat fis-sens li l-aspettattivi tal-persuni li osservaw obbligu impost minn Stat Membru u li bbenefikaw mill-effetti relatati għall-osservanza ta' dan l-obbligu, ma jibbenefikawx minn tali protezzjoni meta l-imsemmi obbligu jirriżulta li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni?

3. L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1392/2001 ([2]) u l-kunċett ta' "kategorija ta' prijorità" fid-dritt tal-Unjoni jipprekludu, f'sitwazzjoni bħal dik deskritta u li hija s-suġġett tal-proċedura fuq il-mertu, dispożizzjoni ta' Stat Membru li, bħall-Artikolu 2(3) tad-Digriet Liġi Nru 157/2004 adottat mir-Repubblika Taljana, tipprevedi modalitajiet differenzjati ta' rimbors tal-imposta addizzjonali imposta eċċessivament billi tiddistingwi, fuq il-livell tal-iskeda kalendarja u tal-modalitajiet tar-rimbors, bejn il-produtturi li bbażaw ruħhom fuq l-osservanza ta' dispożizzjoni nazzjonali li rriżulta li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni u l-produtturi li ma osservawx tali dispożizzjoni?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3950/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi imposta addizzjonali fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib (ĠU 1992, L 405, p. 1).
([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1392/2001 tad-9 ta' Lulju 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3950/92 li jistabbilixxi imposta addizzjonali fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 33, p. 104).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria regionale per il Veneto (l-Italja) fis-17 ta' Ġunju 2019 – Regione Veneto vs HD**

**(Kawża C-468/19)**

(2019/C 357/11)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Commissione tributaria regionale per il Veneto (il-Kummissjoni Fiskali Reġjonali tal-Veneto)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Regione Veneto

*Konvenut:* HD

**Domandi preliminari**

1) L-"oġġetti kulturali" msemmija fl-Artikolu 36 TFUE għandhom jiġu identifikati skont il-kriterji previsti fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 ([1]), li jagħti valur determinanti lid-definizzjoni ta' dawn l-oġġetti prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali?

2) Barra minn hekk, il-protezzjoni ta' "oġġetti kulturali" prevista fl-Artikolu 36 TFUE hija estiża wkoll għall-"vetturi antiki" msemmija fid-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 ([2])?

3) Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija iktar 'il fuq jieħdu huma wkoll inkunsiderazzjoni, għall-finijiet ta' protezzjoni mħaddna minnhom stess, il-vetturi li d-dritt Taljan jikklassifika bħala "vetturi li għandhom interess storiku jew interess għall-kollezzjonisti", minħabba l-obbligu li jinżammu fl-istat oriġinali tagħhom?

4) Barra minn hekk, il-protezzjoni ta' "oġġetti kulturali", fosthom il-"vetturi antiki", prevista fl-Artikolu 36 TFUE u evokata fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/60/UE kif ukoll fil-premessa 10 tad-Direttiva 2000/53/KE, fid-dawl tal-punt 26 tal-Programm Ewropew ta' Azzjoni għas-Sikurezza fit-Toroq adottat fid-29 ta' Settembru 2005, tista' tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lill-Istati Membri japplikaw eżenzjoni fiskali diskriminatorja, peress li hija rriżervata biss għall-vetturi "vetturi li għandhom interess partikolari storiku jew interess partikolari għall-kollezzjonisti", minkejja li eżenzjoni iktar wiesgħa tingħata għal-vetturi kollha li għandhom "interess storiku jew interess għall-kollezzjonisti" f'ċerti żoni tat-territorju nazzjonali bis-saħħa tal-liġijiet reġjonali u provinċjali li ma humiex applikabbli fl-imsemmija żoni?

5) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għad-domanda preċedenti, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija iktar 'il fuq jippermettu, madankollu, li l-leġiżlazzjoni tal-Istat tipprevedi trattament fiskali sfavorevoli u diskriminatorju għall-"vetturi li għandhom interess storiku jew interess għall-kollezzjonisti" preċiżament minħabba ż-żmien tagħhom, li jżid il-piż fiskali minħabba l-emmissjonijiet tagħhom li jniġġsu iktar, u dan inaqqas il-protezzjoni mogħtija lilhom, jipprevjeni l-valorizazzjoni tagħhom u jiddiswadi lill-proprjetarji tagħhom milli jikkonservawhom?

6) Il-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija, sanċit fl-Artikolu 52(2) TUE u fl-Artikolu 30 TFUE u l-projbizzjoni korrispondenti ta' miżuri ekwivalenti għad-dazji doganali, fid-dawl tal-kriterji żviluppati f'dan ir-rigward mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jippermettu lil Stat Membru li jissottometti lill-vetturi rrikonoxxuti bħala li "għandhom interess storiku jew interess għall-kollezzjonisti" għal trattament fiskali diskriminatorju u mhux omoġenju fit-territorju nazzjonali kollu, li jolqot it-trasferimenti ta' proprjetà ta' dawn il-vetturi bejn persuna ddomiċiljata f'[parti mit-]territorju tal-Istat fejn hemm eżenzjoni u persuna ddomiċiljata f'[parti mit-]territorju tal-Istat fejn, bil-kontra, it-taxxa hija prevista?

7) L-Artikoli 18, 19, 20, 21, 45 u 49 TFUE, li jipproteġu l-libertajiet fundamentali ggarantiti fiż-Żona Komuni Ewropea, u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet diretti u indiretti, prevista mid-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 ([3]), jipprekludu li trattament fiskali sfavorevoli u diskriminatorju, fi ħdan Stat Membru, jiddistingwi u jippenalizza l-proprjetarji ta' vetturi li għandhom interess storiku jew interess għall-kollezzjonisti abbażi tas-sempliċi domiċilju tagħhom?

8) Fl-aħħar nett, il-prinċipji ta' libertà, ta' awtonomija u ta' indipendenza ta' qorti ddikkjarati u protetti fl-Artikolu 2 TUE fiż-Żona Komuni Ewropea sabiex jiġi ggarantit "smigħ xieraq", jippermettu lil Stat Membru jipprekludi bil-liġi lill-qorti milli tirrikonoxxi b'mod awtonomu li vettura bil-mutur għandha "interess partikolari storiku jew interess partikolari għall-kollezzjonisti" sabiex tiddetermina jekk din il-vettura hijiex eżentata mit-taxxa, billi tobbliga lill-qorti tibbaża lilha nnifisha biss fuq id-deċiżjonijiet adottati f'dan ir-rigward minn entità privata li hija inkarigata b'mod esklużiv?

---

([1]) Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU 2014, L 159, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 147, p. 24).

([2]) Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m' għadhomx jintużaw (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 224).

([3]) Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fid-19 ta' Ġunju 2019 – UBS Real Estate Kapitalanlagegesellschaft mbH vs Agenzia delle Entrate**

**(Kawża C-478/19)**

(2019/C 357/12)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* UBS Real Estate Kapitalanlagegesellschaft mbH

*Konvenuta:* Agenzia delle Entrate

**Domandi preliminari**

Id-dritt Komunitarju – u b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment u tal-moviment liberu tal-kapital, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja – jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħall-Artikolu 35(10ter) tad-Decreto Legge n. 223/2006 (id-Digriet Liġi Nru 223/2006), sa fejn jillimita għall-fondi ta' investiment immobbli magħluqa t-tnaqqis tat-taxxi ipotekarji u ta' Reġistru tal-Artijiet?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fid-19 ta' Ġunju 2019 – UBS Real Estate Kapitalanlagegesellschaft mbH vs Agenzia delle Entrate**

**(Kawża C-479/19)**

(2019/C 357/13)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* UBS Real Estate Kapitalanlagegesellschaft mbH

*Konvenuta:* Agenzia delle Entrate

**Domandi preliminari**

Id-dritt Komunitarju – u b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment u tal-moviment liberu tal-kapital, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja – jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħall-Artikolu 35(10ter) tad-Decreto Legge n. 223/2006 (id-Digriet Liġi Nru 223/2006), sa fejn jillimita għall-fondi ta' investiment immobbli magħluqa t-tnaqqis tat-taxxi ipotekarji u ta' Reġistru tal-Artijiet?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte costituzionale (l-Italja) fil-21 ta' Ġunju 2019 – DB vs Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)**

**(Kawża C-481/19)**

(2019/C 357/14)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte costituzionale

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* DB

*Konvenuta:* Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/6/KE, sa fejn dan huwa applikabbli *ratione temporis*, u l-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 għandhom jiġu interpetati fis-sens li jippermettu lill-Istati Membri li ma jissanzjonawx lil min jirrifjuta li jwieġeb għal mistoqsijiet tal-awtorità kompetenti, li minnhom tista' tirriżulta r-responsabbiltà tiegħu għal ksur punibbli b'sanzjonijiet amministrattivi ta' natura "punittiva"?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/6/KE, sa fejn dan huwa applikabbli *ratione temporis*, u l-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 huma kompatibbli mal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem inkonnessjoni mal-Artikolu 6 tal-KEDB u tat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni fost l-Istati Membri, sa fejn dawn jistabbilixxu li għandu jiġi ssanzjonat ukoll kull min jirrifjuta li jwieġeb għal mistoqsijiet tal-awtorità kompetenti, li minnhom tista' tirriżulta r-responsabbiltà tiegħu għal ksur punibbli b'sanzjonijiet amministrattivi ta' natura "punittiva"?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria regionale della Campania (l-Italja) fil-25 ta' Ġunju 2019 – Antonio Capaldo SpA vs Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle dogane di Salerno**

**(Kawża C-496/16)**

(2019/C 357/15)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Commissione tributaria regionale della Campania

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti u Appellanti:* Antonio Capaldo SpA

*Konvenuta:* Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle dogane di Salerno

**Domandi preliminari**

L-ispezzjoni fiżika tal-merkanzija mwettqa meta din tiġi importata tipprekludi l-ftuħ tal-proċedura ta' reviżjoni tal-verifika prevista fl-Artikolu 78 tar-Regolament KEE Nru 2913/92 ([1]) li waqqaf Kodiċi Doganali tal-Komunità?

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Zaragoza (Spanja) fis-26 ta' Ġunju 2019 – Ibercaja Banco, S.A. vs SO u TP**

**(Kawża C-497/19)**

(2019/C 357/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Zaragoza

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellanti:* Ibercaja Banco, S.A.

*Appellati:* SO u TP

**Domandi preliminari**

1) Regola nazzjonali li minnha jirriżulta li, jekk klawżola inġusta speċifika tkun għaddiet mill-istħarriġ ġudizzjarju *ex officio* inizjali mwettaq waqt l-awtorizzazzjoni tal-eżekuzzjoni, dan l-istħarriġ jipprojbixxi li, sussegwentement, l-istess qorti [tista'] tevalwaha *ex officio*, meta diġà mill-ewwel mument kienu jeżistu l-punti ta' fatt u ta' liġi, anki jekk dan l-istħarriġ inizjali ma għamel, la fid-dispożittiv tiegħu u lanqas fil-motivazzjoni tiegħu, ebda kunsiderazzjoni dwar il-validità tal-klawżoli tagħha, hija konformi mad-dritt tal-Unjoni?

2) Il-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni li, filwaqt li diġà jkunu jeżistu l-punti ta' fatt [u] ta' liġi li jiddeterminaw in-natura inġusta ta' klawżola f'kuntratt konkluż mal-konsumatur, ma topponihiex fil-kuntest tal-opożizzjoni inċidentali prevista għal dan il-għan mil-liġi, tista', wara li tkun ġiet deċiża din l-oppożizzjoni inċidentali, tressaq talba inċidentali ġdida intiża sabiex tiġi deċiża n-natura inġusta ta' klawżola oħra jew ta' klawżoli oħra, meta hija diġà kienet setgħet opponithom inizjalment permezz tal-proċedura ordinarja prevista mil-liġi? Fi kliem ieħor, hemm effett ta' dekadenza, li jimpedixxi lill-konsumatur milli jqajjem għal darb'oħra n-natura inġusta ta' klawżola oħra fil-kuntest tal-istess proċeduri ta' eżekuzzjoni u, inkluż, fi proċeduri dikjaratorji sussegwenti?

3) Fil-każ li jitqies li l-konklużjoni, li l-parti ma tistax tressaq tieni opożizzjoni inċidentali jew opożizzjoni inċidentali sussegwenti sabiex tinvoka n-natura inġusta ta' klawżola li hija setgħet topponi preċedentement peress li diġà kienu ddefiniti l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji, hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, dan jista' jservi ta' bażi għal użu bħala mezz li bih il-qorti, avżata dwar din in-natura inġusta, tkun tista' teżerċita s-setgħa ta' stħarriġ tagħha *ex officio*?

---

**Appell ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 minn Victor Lupu mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-30 ta' April 2019 fil-Kawża T-558/18: Lupu vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea - Et Djili Soy Dzhihangir Ibryam (Djili DS)**

**(Kawża C-499/19 P)**

(2019/C 357/17)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Victor Lupu (rappreżentant: P.A. Acsinte, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Et Djili Soy Dzhihangir Ibryam

B'digriet tal-5 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fit-3 ta' Lulju 2019 – WS vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

**(Kawża C-505/19)**

(2019/C 357/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Wiesbaden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* WS

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ([1]) (iktar 'il quddiem il-"KFS"), moqri flimkien mal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li l-uffiċċju tal-prosekutur, fil-Ġermanja, wara li l-imputat ikun issodisfa ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari l-ħlas ta' somma ta' flus stabbilita mill-imsemmi uffiċċju tal-prosekutur, jagħlaq proċedura kriminali pendenti huwa suffiċjenti sabiex jiġi pprojbit il-ftuħ ta' proċedura kriminali għall-istess fatti fl-Istati kollha li huma partijiet fil-Ftehim ta' Schengen?

2) Mill-Artikolu 21(1) TFUE jirriżulta li teżisti projbizzjoni fuq l-Istati Membri milli jeżegwixxu l-mandati ta' arrest maħruġa minn Stati terzi fil-kuntest ta' organizzazzjoni internazzjonali bħalma hija l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' Pulizija Kriminali (Interpol), meta l-persuna li hija s-suġġett ta' talba għal arrest tkun ċittadin tal-Unjoni u meta l-Istat Membru li hija għandha n-nazzjonalità tiegħu jkun ikkomunika lill-imsemmija organizzazzjoni internazzjonali, u għaldaqstant ukoll lill-Istati Membri l-oħra, dubji rigward il-kompatibbiltà tal-imsemmija talba għal arrest mal-projbizzjoni ta' ssanzjonar doppju għall-istess fatti?

3) L-Artikolu 21(1) TFUE huwa suffiċjenti sabiex jiġi prekluż il-ftuħ ta' proċeduri kriminali u arrest provviżorju fl-Istati Membri li l-persuna kkonċernata ma għandhiex in-nazzjonalità tagħhom meta dan il-ftuħ imur kontra l-prinċipju tal-projbizzjoni ta' ssanzjonar doppju għall-istess fatti?

4) L-Artikolu 4(1)(a) u l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/680 ([2]), moqrija flimkien mal-Artikolu 54 tal-KFS u mal-Artikolu 50 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri huma marbuta jadottaw dispożizzjonijiet li jiggarantixxu li, fil-każ ta' proċedura li twassal għat-tmiem ta' proċeduri kriminali, jiġi pprojbit, fl-Istati kollha li huma partijiet fil-Ftehim ta' Schengen, li jitkompla l-ipproċessar tal-avviżi ħomor ta' Interpol, li għandhom mnejn iwasslu għal proċedura kriminali oħra?

5) Organizzazzjoni internazzjonali bħalma hija Interpol ikollha livell xieraq ta' protezzjoni tad-data meta ma jkunx hemm deċiżjoni ta' adegwatezza fis-sens tal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2016/680 jew salvagwardji xierqa fis-sens tal-Artikolu 37 ta' din id-direttiva?

6) L-Istati Membri għandhom id-dritt li jkomplu bl-ipproċessar tad-data li hija mniżżla minn Stati terzi f'ċirkulari ta' riċerka ("avviż aħmar") ma' Interpol biss meta Stat terz, permezz tal-imsemmija ċirkulari ta' riċerka, ikun ittrażmetta talba għal arrest u għal estradizzjoni u jkun talab arrest li ma jmurx kontra d-dritt Ewropew, b'mod partikolari l-prinċipju ta' projbizzjoni ta' ssanzzjonar doppju għall-istess fatti?

---

([1]) Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9).

([2]) Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fit-3 ta' Lulju 2019 – Go Sun Srl, Malby Energy 4 Srl vs Ministero dello Sviluppo Economico et**

**(Kawża C-512/19)**

(2019/C 357/19)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Go Sun Srl, Malby Energy 4 Srl

*Konvenuti:* Ministero dello Sviluppo Economico, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Autorità di Regolazione per l'Energia, Reti e Ambiente, Gestore dei Servizi Energetici SpA - GSE

**Domandi preliminari**

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali, bħal ma huwa l-Artikolu 26(3) tad-Diġriet Liġi Nru 91/2014, kif ikkonvertit bil-Liġi Nru 116/2014, li jnaqqas b'mod sinjifikattiv il-ħlas ta' inċentivi diġà mogħtija b'liġi u ddefiniti skont ftehimiet *ad hoc* konklużi mill-produtturi tal-elettriku mill-konverżjoni fotovoltajika mal-Gestore dei servizi energetici S.p.a., (ġestjonarja tas-servizz tal-enerġija) kumpannija pubblika inkarigata b'din il-funzjoni?

B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni nazzjonali hija kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Eworpea ta' aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali, ta' kooperazzjoni leali u ta' effett utli; mal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mad-Direttiva 2009/28/KE ([1]) u mar-regolamentazzjoni tal-iskemi ta' appoġġ li huma previsti hemmhekk; mal-Artikolu 216(2) TFUE, b'mod partikolari fir-rigward tat-Trattat tal-Karta Ewropea tal-Enerġija?

---

([1]) Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU 2009, L 140, p. 16).

---

## Appell ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2019 minn Maria Alvarez y Bejarano et mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-30 ta' April 2019 fil-Kawżi magħquda T-516/16 u T-536/16, Alvarez y Bejarano et vs Il-Kummissjoni

**(Kawża C-517/19 P)**

(2019/C 357/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Maria Alvarez y Bejarano, Ana-Maria Enescu, Lucian Micu, Angelica Livia Salanta, Svetla Shulga, Soldimar Urena de Poznanski, Angela Vakalis, Luz Anamaria Chu, Marli Bertolete, Maria Castro Capcha, Hassan Orfe El, Evelyne Vandevoorde (rappreżentanti: S. Orlandi, T. Martin, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla d-deċiżjoni li ma jibqa' jingħata ebda leave għal raġuni ta' distanza u l-ebda rimbors għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali lir-rikorrenti mis-sena 2014;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti jsostnu li s-sentenza appellata hija vvizzjata b'diversi żbalji ta' liġi.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 67 u 75 tas-sentenza billi llimitat il-portata tal-istħarriġ ġuridiku li hija għandha twettaq għall-każijiet "manifesti" biss.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 70 sa 73 tas-sentenza meta ddeċidiet li r-rikorrenti ma kinux f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-aġenti li żammew il-benefiċċju tal-leave għal raġuni ta' distanza u tar-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali tagħhom.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet fil-punti 69 u 80 sa 86 tas-sentenza li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tmurx kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

---

**Appell ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2019 minn Jakov Ardalic et mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-30 ta' April 2019 fil-Kawżi T-523/16 u T-542/16, Ardalic et vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-518/19 P)**

(2019/C 357/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Jakov Ardalic, Liliana Bicanova, Monica Brunetto, Claudia Istoc, Sylvie Jamet, Despina Kanellou, Christian Stouraitis, Abdelhamid Azbair, Abdel Bouzanih, Bob Kitenge Ya Musenga, El Miloud Sadiki, Cam Tran Thi (rappreżentanti: S. Orlandi, T. Martin, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla d-deċiżjoni li ma jibqa' jingħata ebda leave għal raġuni ta' distanza u l-ebda rimbors għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali lir-rikorrenti mis-sena 2014;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti jsostnu li s-sentenza appellata hija vvizzjata b'diversi żbalji ta' liġi.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 65 u 73 tas-sentenza billi llimitat il-portata tal-istħarriġ ġuridiku li hija għandha twettaq għall-każijiet "manifesti" biss.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 68 sa 71 tas-sentenza meta ddeċidiet li r-rikorrenti ma kinux f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-aġenti li żammew il-benefiċċju tal-leave għal raġuni ta' distanza u tar-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali tagħhom.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet fil-punti 67 u 78 sa 84 tas-sentenza li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tmurx kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Constanța (ir-Rumanija) fl-10 ta' Lulju 2019 – TS, UT, VU vs Casa Națională de Asigurări de Sănătate, Casa de Asigurări de Sănătate Constanța**

**(Kawża C-538/19)**

(2019/C 357/22)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Constanța

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellanti:* TS, UT, VU

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Casa Națională de Asigurări de Sănătate, Casa de Asigurări de Sănătate Constanța

**Domandi preliminari**

1) Il-fatt li jkun biss tabib minn Stat Membru ieħor, li ma jkunx dak tal-Istat tar-residenza tal-persuna assigurata, li jkun ippreskriva t-terapija magħżula mill-persuna assigurata, f'sitwazzjoni li fiha d-djanjosi u l-ħtieġa, fiha nfisha, tal-implimentazzjoni urġenti għal trattament tkun ġiet ikkonfermata minn tabib taħt l-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard tal-Istat Membru tar-residenza, li madankollu jkun irrakkomanda terapija oħra, li fir-rigward tagħha t-terapija magħżula mill-persuna assigurata għal raġunijiet li jistgħu jitqiesu li huma rilevanti jkollha grad ta' effettività li jkun tal-inqas identiku, filwaqt li jkollha l-vantaġġ li ma tikkawżax diżabbiltà, jista' jitqies li huwa sitwazzjoni ta' emerġenza fis-sens tal-punt 45 tas-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581) jew huwa każ ta' impediment oġġettiv sabiex tkun tista' tintalab l-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 ([1]), li jista' jiġġustifika rimbors sħiħ tal-ispejjeż sostnuti bl-implimentazzjoni ta' trattament mediku xieraq (kura fl-isptar) fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-Istat tar-residenza tal-persuna assigurata?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, jekk il-persuna assigurata ma taċċettax, għal raġunijiet li jistgħu jitqiesu li huma rilevanti, it-trattament preskritt minn tabib kopert mill-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard tal-Istat ta' residenza fir-rigward tad-djanjosi tiegħu u tmur fi Stat Membru ieħor sabiex titlob it-tieni opinjoni medika, liema opinjoni tirrikjedi l-implimentazzjoni ta' terapija oħra, li l-persuna assigurata tagħti l-kunsens tagħha għaliha u li l-grad ta' effettività tagħha jkun tal-inqas identiku, filwaqt li jkollha l-vantaġġ li ma tikkawżax diżabbiltà, u li tissodisfa r-rekwiżiti tat-tieni sentenza tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 883/2004, sabiex il-persuna assigurata tikseb ir-rimbors tal-ispejjeż sostnuti b'din it-terapija l-oħra hija għandha titlob l-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) ta' dan ir-regolament?

3) L-Artikolu 56 TFUE u l-Artikolu 20(1) u (2) tar-Regolament Nru 883/2004 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, minn naħa, tissottometti l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni kompetenti, għall-iskop li wieħed jirċievi trattament xieraq (kura fl-isptar) fi Stat Membru li ma jkunx dak tar-residenza, bil-kundizzjoni li jiġi stabbilit rapport mediku li jitħejja esklużivament minn tabib prattikanti taħt l-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard tal-Istat Membru ta' residenza u li jiġi approvat mill-uffiċjal mediku li jkun il-kap tal-istituzzjoni kompetenti ta' dan l-Istat, u dan inkluż meta t-terapija magħżula mill-persuna assigurata, għal raġunijiet li jistgħu jitqiesu li huma rilevanti peress li jkollha l-vantaġġ li ma tikkawżax diżabbiltà, tkun preskritta biss minn tabib minn Stat Membru ieħor, bħala t-tieni opinjoni medika, u li, min-naħa l-oħra, ma tiggarantixxix, fil-kuntest ta' proċedura aċċessibbli u prevedibbli, analiżi effettiva, mill-perspettiva medika, fil-kuntest tal-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard tal-Istat ta' residenza, tal-possibbiltà li tiġi implimentata t-tieni opinjoni medika stabbilita fi Stat Membru ieħor?

4) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel u għat-tielet domanda, il-persuna assigurata, jew, skont il-każ, l-eredi tiegħu, jistgħu, sakemm jissodisfaw iż-żewġ rekwiżiti msemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 883/2004, jiksbu mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat tar-residenza tal-persuna assigurata r-rimbors sħiħ tal-ispejjeż sostnuti bl-implimentazzjoni ta' terapija fi Stat Membru ieħor?

([1]) Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Blagoevgrad (il-Bulgarija) fis-17 ta' Lulju 2019"ECOTEX BULGARIA" EOOD vs Teritorialna direktsia na Natsionalnata agentsia za prihodite**

**(Kawża C-544/19)**

(2019/C 357/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad Blagoevgrad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:*"ECOTEX BULGARIA" EOOD

*Konvenut:* Teritorialna direktsia na Natsionalnata agentsia za prihodite

**Domandi preliminari**

L-ewwel domanda:

L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni legali nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-pagamenti fit-territorju nazzjonali b'valur ta' 10 000 leva Bulgari (BGN) jew iktar għandhom jitwettqu esklużivament permezz ta' trasferiment jew permezz ta' ħlas fuq kont għal pagamenti u li tillimita l-pagament fi flus kontanti ta' dividendi ta' BGN 10 000 jew iktar minn profitti li ma jiġux iddistribwiti u, jekk jippermetti tali dispożizzjoni legali, tali restrizzjoni hija ġġustifikata mill-għanijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 ([1])?

It-tieni domanda:

L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/859, ikkunsidrat flimkien mal-premessa 6 tal-preambolu tagħha u mal-Artikoli 4 u 5 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti dispożizzjoni legali nazzjonali ġenerali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-pagamenti fit-territorju nazzjonali b'valur ta' BGN 10 000 jew iktar għandhom jitwettqu esklużivament permezz ta' trasferiment jew permezz ta' ħlas fuq kont għal pagamenti u li ma tidħolx fil-kwistjoni tal-entità u tal-motivazzjoni tal-pagament fi flus kontanti sa fejn tkopri mingħajr ebda distinzjoni l-pagamenti kollha fi flus kontanti bejn persuni fiżiċi u ġuridiċi?

(1) Fil-każ li din id-domanda tingħata risposta fl-affermattiv: il-punt 3(e) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849, ikkunsidrat flimkien mal-premessa 6 tal-preambolu tagħha u mal-Artikoli 4 u 5 tagħha, jippermetti lill-Istati Membri jadottaw limitazzjonijiet ġenerali supplimentari fir-rigward ta' pagamenti fi flus kontanti permezz ta' dispożizzjoni legali nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tipprovdi li l-pagamenti fit-territorju nazzjonali b'valur ta' BGN 10 000 jew iktar għandhom jitwettqu esklużivament permezz ta' trasferiment jew permezz ta' ħlas fuq kont għal pagamenti f'sitwazzjoni fejn il-pagament fi flus kontanti jkun ibbażat fuq "profitti mhux iddistribwiti" (dividendi)?

2) Fil-każ li din id-domanda tingħata risposta fl-affermattiv: il-punt 3(e) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849, ikkunsidrat flimkien mal-premessa 6 tal-preambolu tagħha u mal-Artikolu 5 tagħha, jippermetti lill-Istati Membri jadottaw limitazzjonijiet fir-rigward ta' pagamenti fi flus kontanti permezz ta' dispożizzjoni legali nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tipprovdi li l-pagamenti fit-territorju nazzjonali b'valur ta' BGN 10 000 jew iktar għandhom jitwettqu esklużivament permezz ta' trasferiment jew permezz ta' ħlas fuq kont għal pagamenti, fejn il-limitu minimu ta' dawn il-pagamenti huwa inqas minn EUR 10 000?

It-tielet domanda

L-Artikolu 58(1) u l-Artikolu 60(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849, ikkunsidrati flimkien mal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni legali nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi ammont fiss għas-sanzjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' ksur tal-limitazzjonijiet dwar il-pagamenti fi flus kontanti mingħajr ma tippermetti approċċ iddifferenzjat skont iċ-ċirkustanzi konkreti rilevanti ta' kull każ?

1) Fil-każ li din id-domanda tingħata risposta fis-sens li l-Artikolu 58 u l-Artikolu 60(4) tad-Direttiva (UE) 2015/859, ikkunsidrati flimkien mal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ma jipprekludux dispożizzjoni legali nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi ammont fiss għas-sanzjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' ksur tal-limitazzjonijiet dwar il-pagamenti fi flus kontanti, l-Artikolu 58 u l-Artikolu 60(4) tad-Direttiva (UE) 2015/859, ikkunsidrati flimkien mal-prinċipju ta' effettività u mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni legali nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi ammont fiss għas-sanzjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' ksur tal-limitazzjonijiet dwar il-pagamenti fi flus kontanti, mingħajr ma tippermetti li qorti, fil-każ li jiġi ppreżentat rikors kontra tali sanzjoni amministrattiva, tistabbilixxi, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti rilevanti ta' kull każ, l-ammont ta' din is-sanzjoni amministrattiva b'mod li jkun inqas mill-ammont minimu previst?

---

(1) Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73).

---

**Appell ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2019 mill-International Tax Stamp Association Ltd (ITSA) mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fis-16 ta' Mejju 2019 fil-Kawża T-396/18, ITSA vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-553/19 P)**

(2019/C 357/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* International Tax Stamp Association Ltd (ITSA) (rappreżentant: F. Scanvic, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Mejju 2019 fil-Kawża ITSA vs Il-Kummissjoni (T-396/18) u tirrikonoxxi l-*locus standi* u l-interess ġuridiku tar-rikorrenti;

— tannulla r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/573 tal-15 ta' Diċembru 2017 dwar l-elementi ewlenin tal-kuntratti tal-ħżin tad-dejta li għandhom jiġu konklużi bħala parti minn sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk (1), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/574 tal-15 ta' Diċembru 2017 dwar l-istandards tekniċi għat-twaqqif u għat-tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk (2), kif ukoll id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/576 tal-15 ta' Diċembru 2017 dwar l-istandards tekniċi għall-karatteristiċi tas-sigurtà li jiġu applikati fuq il-prodotti tat-tabakk (3).

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti targumenta, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali naqset milli tosserva l-interess ġuridiku tar-rikorrenti kontra r-Regolament Delegat 2018/573, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/574 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2018/576. Għalhekk il-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors għal annullament ippreżentat mir-rikorrenti f'dik il-kawża kontra dawn it-tliet atti tal-Kummissjoni.

Skont ir-rikorrenti, iż-żewġ regolamenti kkontestati jaffettwawha direttament, kif ukoll il-membri tagħha. Il-kriterji l-oħrajn tal-Artikolu 263 TFUE huma wkoll kollha ssodisfatti. Barra minn hekk, jekk is-sustanza tad-deċiżjoni kkontestata teħtieġ atti ta' implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri, dan ma huwiex il-każ tal-Artikolu 3(2) tal-imsemmija deċiżjoni li jillimita r-rikors għal terz indipendenti għal wieħed mill-ħames karatteristiċi ta' sigurtà li għandhom jitpoġġew fuq il-prodotti tat-tabakk. Din id-dispożizzjoni tal-aħħar ma hijiex biżżejjed fiha nfisha.

Fil-mertu, ir-rikorrenti targumenta li l-atti kkontestati jiksru l-Artikolu 8 tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk ([4]). Din id-dispożizzjoni tipprojbixxi li l-operazzjonijiet tat-tikkettar tat-tabakk jiġu fdati lill-industrija tat-tabakk filwaqt li t-tliet atti kkontestati tal-Kummissjoni jipproċedu preċiżament b'dan il-mod. Ir-rikorrenti żżid li l-protokoll ippreċitat, għalkemm għadu ma daħalx fis-seħħ, ġie ffirmat u konkluż mill-Unjoni, u jipprojbixxi lill-Unjoni milli tieħu atti kuntrarji għall-imsemmi protokoll.

Iċ-ċirkustanza li d-Direttiva 2014/40/UE ([5]) ma tipprojbixxix espressament li l-operazzjonijiet inkwistjoni jiġu fdati lill-industrija tat-tabakk ma għandhiex effett: minn naħa, din id-direttiva tista' u għandha tiġi interpretata b'konformità mal-imsemmi protokoll; min-naħa l-oħra, jekk jitqies li tali interpretazzjoni ma hijiex possibbli, hija d-direttiva nfisha li tkun kuntrarja għall-imsemmi protokoll u, għaldaqstant, għat-trattati Ewropej.

---

([1]) ĠU 2018, L 96, p. 1.
([2]) ĠU 2018, L 96, p. 7, u rettifika ĠU 2018, L 252, p. 47.
([3]) ĠU 2018, L 96, p. 57.
([4]) L-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, adottat f'Seoul fit-12 ta' Novembru 2012.
([5]) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU 2014, L 127, p. 1, u rettifika ĠU 2015, L 150, p. 24).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Kehl (il-Ġermanja) fit-18 ta' Lulju 2019 – Proċeduri kriminali kontra FU

**(Kawża C-554/19)**

(2019/C 357/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Kehl

### Partijiet fil-proċeduri kriminali nazzjonali

Staatsanwaltschaft Offenburg

kontra

FU

### Domandi preliminari

1. L-Artikolu 67(2) TFUE kif ukoll l-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istat Membru kkonċernat is-setgħa li jikkontrollaw l-identità ta' kwalunkwe persuna, ġewwa żona ta' 30 km mill-fruntiera ta' dan l-Istat Membru ma' Stati Membri oħra li huma parti mill-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta'

Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f'Schengen (il-Lussemburgu) fid-19 ta' Ġunju 1990 sabiex jipprevjenu jew iwaqqfu d-dħul jew ir-residenza illegali fit-territorju ta' dan l-Istat Membru jew sabiex jipprevjenu ċerti reati kriminali li jippreġudikaw is-sigurtà tal-fruntiera, indipendentement mill-aġir tal-persuna kkonċernata u mill-eżistenza ta' ċirkustanzi partikolari? Din il-leġiżlazzjoni hija kkompletata permezz ta' digriet ministerjali li jipprevedi kif ġej:

"a) Il-kriminalità transkonfinali sseħħ b'mod dinamiku (fuq livell ta' żmien u ta' post u bl-użu ta' diversi mezzi ta' trasport) u teżiġi għaldaqstant kompetenzi iktar flessibbli tal-pulizija għall-ġlieda kontriha. L-eżerċizzju tal-imsemmija kompetenzi huwa intiż, fl-aħħar mill-aħħar, għall-prevenzjoni jew għat-twaqqif tal-kriminalità transkonfinali.

b) Il-miżuri ta' kontroll għandhom jiġu eżegwiti fil-kuntest iddelimitat b'mod strett mill-imsemmija kriterji tal-Artikolu 21(a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Huma għandhom jiġu maħsuba b'mod li jkunu distinti b'mod ċar mill-kontrolli sistematiċi tal-persuni mwettqa fil-fruntieri esterni u ma għandux ikollhom l-istess effett bħall-kontrolli fil-fruntieri. L-eżekuzzjoni ta' dawn il-miżuri ta' kontroll għandha, min-naħa tagħha, tibqa' f'kuntest partikolari sabiex jiġi ggarantit li l-imsemmija miżuri ma jkunux, fuq il-livell ta' intensità u ta' frekwenza, l-istess bħal kontrolli ta' qsim fuq il-fruntieri.

c) Dan il-kuntest huwa ddelimitat kif ġej:

Il-miżuri ta' kontroll ma għandhomx isiru fuq bażi permanenti, iżda għandhom isiru b'mod irregolari, f'ħinijiet differenti, f'postijiet differenti u b'mod sporadiku b'teħid inkunsiderazzjoni tal-volum tat-traffiku.

Il-miżuri ta' kontroll ma għandhomx jitwettqu biss fil-waqt ta' qsim tal-fruntieri. Huma għandhom jitwettqu abbażi ta' għarfien tas-sitwazzjoni li jiġi aġġornat b'mod kontinwu u/jew abbażi tal-esperjenza li l-pulizija (tal-fruntieri) tiżviluppa abbażi tal-informazzjoni tagħha stess rigward is-sitwazzjoni jew abbażi ta' informazzjoni ta' awtoritajiet oħra. Għaldaqstant, l-informazzjoni tal-pulizija ġenerali jew konkreta u/jew l-esperjenza rigward il-kriminalità transkonfonfinali, pereżempju dwar mezzi u rotot ta' trasport użati b'mod spiss, ċerti modi ta' aġir, u l-analiżi ta' informazzjoni disponibbli dwar il-kriminalità transkonfinali, li ġejja mis-sorsi tagħhom stess jew minn awtoritajiet oħra jikkostitwixxu l-punt ta' tluq għall-eżerċizzju tal-miżuri tal-pulizija kif ukoll għall-intensità u għall-frekwenza tagħhom.

Il-forma li jieħdu l-miżuri ta' kontroll hija s-suġġett ta' sorveljanza ġerarkika u teknika regolari. Ir-regoli ġenerali jinsabu fir-raba' sentenza tal-Artikolu 3(1) tal-Gemeinsamen Geschäftsordnung der Bundesministerien (ir-Regolament Intern Komuni tal-Ministeri Federali) u fil-Grundsätzen zur Ausübung der Fachaufsicht der Bundesministerien über den Geschäftsbereich (il-Prinċipji Rigward l-Eżerċizzju tas-Sorveljanza Teknika tal-Attività tal-Ministeri Federali). Għall-pulizija federali, dawn jiġu kkonkretizzati permezz tal-Ergänzenden Bestimmungen zur Ausübung der Dienst- und Fachaufsicht des BMI über die Bundespolizei (id-Dispożizzjonijiet Komplementari dwar l-Eżerċizzju tas-Sorveljanza Ġerarkika u Teknika tal-Ministeru Federali tal-Intern fuq il-Pulizija Federali). Il-Bundespolizeipräsidium (id-Direttorat tal-Pulizija Federali) u l-awtoritajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu stabbilixxew il-modalitajiet għall-eżekuzzjoni tas-sorveljanza ġerarkika u teknika fl-organigrammi tagħhom u implimentawha skont l-approċċi tagħhom stess.

d) Sabiex jiġu evitati kontrolli ripetuti, il-miżuri ta' kontroll għandhom jiġu kkoordinati kemm jista' jkun mal-awtoritajiet l-oħra jew għandhom jiġu eżegwiti fil-kuntest ta' operazzjonijiet jew ta' kooperazzjonijiet konġunti."

2. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TFUE, l-Artikolu 197(1) TFUE u l-Artikolu 291(1) TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi awtomatikament jew wara tweżin bejn l-interessi tal-prosekuzzjoni u l-interessi tal-akkużat, l-użu ta' informazzjoni jew ta' provi fi proċeduri kriminali, meta dawn tal-aħħar ikunu nġabru waqt kontroll tal-pulizija tal-persuna akkużata li jkun ġie eżegwit bi ksur tal-Artikolu 67(2) TFUE jew tal-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament 2016/399?

(1) ĠU 2016, L 77, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Stuttgart (il-Ġermanja) fid-19 ta' Lulju 2019 – Fussl Modestraße Mayr GmbH vs SevenOne Media GmbH**

**(Kawża C-555/19)**

(2019/C 357/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Stuttgart

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Fussl Modestraße Mayr GmbH

*Konvenuta:* SevenOne Media GmbH

**Domandi preliminari**

1. a) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2010/13/UE ([1]),

   b) il-prinċipju ta' ugwaljanza tad-dritt tal-Unjoni u

   c) id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 56 TFUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprojbixxi x-xandir reġjonali ta' reklamar fi programmi tax-xandir awtorizzati għall-Istat Membru kollu?

2. L-evalwazzjoni tal-ewwel domanda tkun differenti jekk id-dritt nazzjonali jippermetti dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jipprovdu li x-xandir reġjonali ta' reklamar jista' jiġi awtorizzat legalment u jeżiġi, f'dan il-każ, awtorizzazzjoni amministrattiva supplimentari?

3. L-evalwazzjoni tal-ewwel domanda tkun differenti jekk il-possibbiltà deskritta fit-tieni domanda ta' awtorizzazzjoni ta' reklamar reġjonali effettivament ma tintużax u għaldaqstant ir-reklamar reġjonali jkun kompletament ipprojbit?

4. L-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ukoll tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-prinċipju ta' pluraliżmu tal-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħal dik deskritta fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet domanda?

---

([1]) Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (ĠU 2010, L 95, p. 1; rettifika fil-ĠU 2010, L 263, p. 15).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-23 ta' Lulju 2019 – Consorzio Italian Management, Catania Multiservizi SpA vs Rete Ferroviaria Italiana SpA**

**(Kawża C-561/19)**

(2019/C 357/27)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Consorzio Italian Management, Catania Multiservizi SpA

*Konvenuta:* Rete Ferroviaria Italiana SpA

**Domandi preliminari**

1) Skont l-Artikolu 267 TFUE, il-qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex rivedibbli permezz ta' rikors ġudizzjarju, bħala prinċipju, hija obbligata tressaq talba għal deċiżjoni preliminari fuq kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, anki jekk din il-kwistjoni tiġi proposta liha minn waħda mill-partijiet fil-kawża wara l-ewwel att promotur tagħha jew wara n-nota tagħha għal komparizzjoni fil-kawża, wara li l-kawża tkun insteghmet għall-ewwel darba, jew anki wara li jkun sar l-ewwel rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea?

2) […] l-Artikoli 115, 206 u 217 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006, kif interpretati mill-ġurisprudenza amministrattiva fis-sens li dawn jeskludu r-reviżjoni tal-prezzijiet fil-kuntratti marbuta mas-setturi msejħa speċjali huma konformi mad-dritt tal-Unjoni [b'mod partikolari, l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 9, l-Artikolu 101(1)(e), l-Artikolu 106, l-Artikolu 151 – kif ukoll il-Karta Soċjali Ewropea ffirmata f'Torino fit-18 ta' Ottubru 1961 u l-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tal-1989 li hija ċċitata minn dan l-aħħar imsemmi artikolu – l-Artikolu 152, l-Artikolu 153 u l-Artikolu 156 TFUE; l-Artikoli 2 u 3 TUE u l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea], b'mod partikolari inkonnessjoni mal-kuntratti li għandhom għan differenti minn dawk previsti mid-Direttiva 2004/17 ([1]), iżda li għandhom rabta funzjonali ma' dawn tal-aħħar?

3) […] l-Artikoli 115, 206 u 217 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006 kif interpretati mill-ġurisprudenza amminstrattiva fis-sens li dawn jeskludu r-reviżjoni tal-prezzijiet fil-kuntratti marbuta mas-setturi msejħa speċjali huma konformi mad-dritt tal-Unjoni (b'mod partikolari, l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit fl-Artikoli 26 u 34 TFUE, u l-prinċipju ta' libertà ta' intrapriża rikonoxxut ukoll mill-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea), b'mod partikolari inkonnessjoni mal-kuntratti li għandhom għan differenti minn dawk previsti mid-Direttiva 2004/17, iżda li għandhom rabta funzjonali ma' dawn tal-aħħar?

([1]) Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 19).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fit-23 ta' Lulju 2019 – Fototre Srl vs Ministero dello Sviluppo Economico et**

**(Kawża C-595/19)**

(2019/C 357/28)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Fototre Srl

*Konvenuti:* Ministero dello Sviluppo Economico, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Gestore dei servizi energetici (GSE) SpA

**Domanda preliminari**

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik tal-Artikolu 26(2) u (3) tad-Diġriet Liġi Nru 91/2014, kif ikkonvertit bil-Liġi Nru 116/2014, li jnaqqas jew idewwem b'mod sinjifikattiv il-ħlas ta' inċentivi diġà mogħtija b'liġi u ddefiniti skont ftehimiet *ad hoc* konklużi mill-produtturi tal-elettriku mill-konverżjoni fotovoltajika mal-Gestore dei servizi energetici S.p.a., (ġestjonarja tas-servizz ta' enerġija) kumpannija pubblika inkarigata b'din il-funzjoni?

B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni nazzjonali hija kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Eworpea ta' aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali, ta' kooperazzjoni leali u ta' effett utli; mal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mad-Direttiva 2009/28/KE ([1]) u mar-regolamentazzjoni tal-iskemi ta' appoġġ li huma previsti hemmhekk; mal-Artikolu 216(2) TFUE, b'mod partikolari fir-rigward tat-Trattat tal-Karta Ewropea tal-Enerġija?

([1]) Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU 2009, L 140, p. 16).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Zaragoza (Spanja) fis-6 ta' Awwissu 2019 – MA vs Ibercaja Banco, SA**

**(Kawża C-600/19)**

(2019/C 357/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Zaragoza

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellant:* MA

*Appellata:* Ibercaja Banco, SA

*Parti oħra*: PO

**Domandi preliminari**

1) Regola nazzjonali li minnha jirriżulta li, jekk klawżola inġusta speċifika tkun għaddiet mill-istħarriġ ġudizzjarju *ex officio* inizjali mwettaq waqt l-awtorizzazzjoni tal-eżekuzzjoni, [jiġifieri,] stħarriġ negattiv tal-validità tal-klawżoli tagħha, dan l-istħarriġ jipprojbixxi li, sussegwentement, l-istess qorti tkun tista' tevalwaha *ex officio*, meta diġà mill-ewwel mument kienu jeżistu l-punti ta' fatt u ta' liġi, anki jekk dan l-istħarriġ inizjali ma għamel, la fid-dispożittiv tiegħu u lanqas fil-motivazzjoni tiegħu, ebda kunsiderazzjoni dwar il-validità tal-klawżoli tagħha, hija konformi mal-prinċipju ta' effettività previst fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE ([1]), hekk kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja?

2) Il-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni li, filwaqt li diġà jkunu jeżistu l-punti ta' fatt [u] ta' liġi li jiddeterminaw in-natura inġusta ta' klawżola f'kuntratt konkluż mal-konsumatur, ma topponihiex fil-kuntest tal-opożizzjoni inċidentali prevista għal dan il-għan mil-liġi, tista', wara li tkun ġiet deċiża din l-oppożizzjoni inċidentali, tressaq talba inċidentali ġdida intiża sabiex tiġi deċiża n-natura inġusta ta' klawżola oħra jew ta' klawżoli oħra, meta hija diġà kienet setgħet opponithom inizjalment permezz tal-proċedura ordinarja prevista mil-liġi? Fi kliem ieħor, hemm effett ta' dekadenza, li jimpedixxi lill-konsumatur milli jqajjem għal darb'oħra n-natura inġusta ta' klawżola oħra fil-kuntest tal-istess proċeduri ta' eżekuzzjoni u, inkluż, fi proċeduri dikjaratorji sussegwenti?

3) Fil-każ li jitqies li l-konklużjoni, li l-parti ma tistax tressaq tieni opożizzjoni inċidentali jew opożizzjoni inċidentali sussegwenti sabiex tinvoka n-natura inġusta ta' klawżola li hija setgħet topponi preċedentement peress li diġà kienu ddefiniti l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji, hija konformi mad-Direttiva 93/13, dan jista' jservi ta' bażi għal użu bħala mezz li bih il-qorti, avżata dwar din in-natura inġusta, tkun tista' teżerċita s-setgħa ta' stħarriġ tagħha *ex officio*?

4) Ladarba l-bejgħ bl-irkant ikun ġie aċċettat u l-proprjetà immobbli tkun ingħatat, potenzjalment lill-istess kreditur, u ladarba anki jkun sar it-trasferiment tal-proprjetà tal-beni mogħtija bħala garanzija, tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni interpretazzjoni li abbażi tagħha, ladarba l-proċeduri [jkunu intemmu], u l-għan tagħhom ikun intlaħaq, [jiġifieri] it-twettiq tal-garanzija, id-debitur jista' jressaq talbiet inċidentali ġodda intiżi sabiex tiġi kkonstatata l-invalidità ta' xi klażwola inġusta li kellha effett fuq il-proċeduri ta' eżekuzzjoni, jew jista' [jsir], wara li jkun seħħ it-trasferiment tal-proprjetà, li jista' jkun [favur] il-kreditur u dan ikun ġie rreġistrat fir-Reġistru tal-Artijiet, stħarriġ *ex officio* li jwassal għall-annullament tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni kollha jew fl-aħħar mill-aħħar jaffettwa l-ammonti koperti mill-ipoteka, li jista' jaffettwa l-kundizzjonijiet li fihom saru l-offerti?

---

([1]) Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Köln (il-Ġermanja) fid-9 ta' Awwissu 2019 – kohlpharma GmbH vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

**(Kawża C-602/19)**

(2019/C 357/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Köln

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* kohlpharma GmbH

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Domandi preliminari**

1) Il-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija stabbilit fl-Artikolu 34 TFUE u l-prinċipji tal-importazzjoni parallela tal-mediċini żviluppati fuq din il-bażi, jimponu li l-awtorità ta' approvazzjoni nazzjonali tawtorizza emenda fl-indikazzjonijiet fir-rigward tad-doża ta' mediċina li kienet is-suġġett ta' importazzjoni parallela anki meta l-awtorizzazzjoni ta' referenza tkun skadiet u meta l-emenda tkun ibbażata fuq riproduzzjoni tal-indikazzjonijiet relattivi għal mediċina nazzjonali li essenzjalment tuża l-istess sustanza attiva u hija offruta taħt forma farmaċewtika differenti, flimkien mal-indikazzjonijiet awtorizzati fl-Istat ta' esportazzjoni għall-mediċina li kienet is-suġġett ta' importazzjoni parallela?

2) L-awtorità nazzjonali tista', fid-dawl tal-Artikoli 34 u 36 TFUE, tirrifjuta li tawtorizza tali emenda billi tindika li l-importaturi paralleli ma humiex suġġetti għall-obbligu li jippreżentaw rapporti ta' sigurtà regolari, li fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni ta' referenza nazzjonali ma hemmx data attwali dwar l-evalwazzjoni tar-relazzjoni benefiċċju/riskju, li l-awtorizzazzjoni nazzjonali eżistenti tikkonċerna lil forma farmaċewtika differenti u, fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-istess forma farmaċewtika fl-Istat ta' esportazzjoni, teżisti konċentrazzjoni differenti tas-sustanza attiva u li barra minn hekk ma jistax ikun hemm sunt ta' żewġ forom farmaċewtiċi fl-istess test ta' informazzjoni?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-12 ta' Awwissu 2019 – Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (INAIL) vs Zennaro Giuseppe Legnami Sas di Zennaro Mauro & C.**

**(Kawża C-608/19)**

(2019/C 357/31)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellant:* Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (INAIL)

*Parti oħra fil-proċedura:* Zennaro Giuseppe Legnami Sas di Zennaro Mauro & C.

**Domandi preliminari**

Ir-regoli fil-qasam tal-għoti tal-għajnuna li jinsabu fl-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament (UE) Nru 1407/2013 [1] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-impriża li tagħmel it-talba u li taqbeż il-limitu massimu awtorizzat minħabba l-kumulu mal-assistenza finanzjarja preċedenti, tista' tagħżel, sal-ħlas effettiv tal-assistenza finanzjarja mitluba, it-tnaqqis tal-finanzjament (permezz ta' emenda jew ta' varjant tal-proġett) jew ir-rinunzja (sħiħa jew parzjali) għal assistenzi finanzjarji preċedenti, possibbilment diġà riċevuti, sabiex tosserva l-imsemmi limitu massimu? U dawn l-istess dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-diversi għażliet ippreżentati (varjant jew rinunzja) huma validi anki jekk dawn ma humiex previsti b'mod espress mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew mill-avviż pubbliku dwar l-għoti tal-għajnuna?

---

[1] Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU 2013, L 352, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (l-Irlanda) fis-16 ta' Awwissu 2019 – M.S., M.W., G.S. vs Minister for Justice and Equality**

**(Kawża C-616/19)**

(2019/C 357/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

High Court (l-Irlanda)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* M.S., M.W., G.S.

*Konvenut:* Minister for Justice and Equality

**Domandi preliminari**

1) Ir-riferiment għal "l-Istat Membru konċernat" fl-Artikolu 25(2)(d) u (e) tad-Direttiva 2005/85 ([1]) ifisser (a) l-ewwel Stat Membru li ta protezzjoni ekwivalenti għall-ażil lil applikant għal protezzjoni internazzjonali jew (b) it-tieni Stat Membru li fih hija ppreżentata applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali, jew (c) wieħed jew l-ieħor minn dawn l-Istati Membri?

2) Meta ċittadin ta' pajjiż terz jingħata l-protezzjoni internazzjonali fil-forma ta' protezzjoni sussidjarja fl-ewwel Stat Membru u jmur fit-territorju tat-tieni Stat Membru, il-preżentata ta' applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali fit-tieni Stat Membru tikkostitwixxi abbuż ta' dritt, b'tali mod li t-tieni Stat Membru huwa awtorizzat jadotta miżura li tipprevedi li tali applikazzjoni sussegwenti hija inammissibbli?

3) L-Artikolu 25 tad-Direttiva 2005/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru li ma huwiex marbut bid-Direttiva 2011/95 ([2]), iżda li huwa marbut bir-Regolament Nru 604/2013 ([3]), jadotta leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tqis bħala inammissibbli applikazzjoni għall-ażil ippreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz li preċedentement ingħata protezzjoni sussidjarja minn Stat Membru ieħor?

---

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat (ĠU 2006, L 175M, p. 168).

([2]) Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

([3]) Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31, u rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Watford Employment Tribunal (ir-Renju Unit) fit-22 ta' Awwissu 2019 – K et vs Tesco Stores Ltd**

**(Kawża C-624/19)**

(2019/C 357/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Watford Employment Tribunal (ir-Renju Unit)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* K et

*Konvenuta:* Tesco Stores Ltd

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandu effett dirett fil-każ ta' talbiet għal kumpens imressqa fuq il-bażi li r-rikorrenti qegħdin iwettqu xogħol ta' valur ugwali għal dak tal-ħaddiema li jwettqu xogħol paragunabbli għal tagħhom?

2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun negattiva, it-test ta' sors uniku għal paragunabbiltà fl-Artikolu 157 huwa distint mill-kwistjoni ta' valur ugwali, u jekk dan ikun il-każ, dan it-test għandu effett dirett?

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2019 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

**(Kawża C-658/19)**

(2019/C 357/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Nardi, G. von Rintelen u S. Pardo Quintillán, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li r-Renju ta' Spanja, billi ma adottax, l-iktar tard fis-6 ta' Mejju 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI ([1]) jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikax tali dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 63(1) tal-imsemmija direttiva;

— timponi fuq ir-Renju ta' Spanja, b'konformità mal-Artikolu 260(3) TFUE, pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 89 548,20, b'effett mid-data tal-għoti tas-sentenza li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jadotta jew, fi kwalunkwe każ, li jinnotifika lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva (UE) 2016/680, li għandhom jitħallsu fuq il-kont li tindika l-Kummissjoni;

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja, b'konformità mal-Artikolu 260(3) TFUE, għall-ħlas ta' somma f'daqqa li tikkorrispondi għar-riżultat miksub billi ammont ta' kuljum ta' EUR 21 321 jiġi mmoltiplikat bin-numru ta' ġranet ta' persistenza tal-ksur, sakemm dan ir-riżultat jaqbeż is-somma f'daqqa minima ta' EUR 5 290 000, li għandha titħallas fuq il-kont li tindika l-Kummissjoni;

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

B'konformità mal-Artikolu 63(1) tad-Direttiva (UE) 2016/680, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mis-6 ta' Mejju 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw rwieħhom mal-imsemmija direttiva u jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-Kummissjoni ma ġiet informata bl-adozzjoni u bid-dħul fis-seħħ ta' ebda miżura ta' traspożizzjoni meħtieġa u ma ġiet mgħarrfa bl-ebda element ieħor li jindika li d-direttiva ġiet trasposta.

Għaldaqstant, ir-Renju ta' Spanja għadu ma ttrasponiex id-Direttiva (UE) 2016/690 iktar minn sena wara l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni.

(1) ĠU 2016, L 119, p. 89.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2019 – Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-603/17)** ([1])

***("FAEG u FAEŻR – Infiq eskluż mill-finanzjament – Regolament (KE) Nru 1698/2005 – Assi 4 'LEADER' – Regolament (UE) Nru 65/2011 – Kontrolli amministrattivi – Obbligu li tiġi stabbilita sistema xierqa li tippermetti l-evalwazzjoni tan-natura raġonevoli tal-infiq – Kontribuzzjoni in natura fil-forma ta' xogħol volontarju – Kontribuzzjoni in natura fil-forma ta' kontribuzzjoni ta' proprjetà immobbli – Kontrolli fuq il-post – Preżenza ta' dokumenti li jiġġustifikaw it-talbiet għal ħlas – Implimentazzjoni ta' tranżazzjonijiet iffinanzjati konformement mar-regoli relatati mal-kuntratti pubbliċi")***

(2019/C 357/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: inizjalment minn D. Kriaučiūnas, R. Krasuckaitė, R. Dzikovič u M. Palionis, sussegwentement minn R. Krasuckaitė, R. Dzikovič, M. Palionis, I. Javičienė u T. Lozoraitis u finalment minn R. Dzikovič, M. Palionis, I. Javičienė et T. Lozoraitis, agenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Aquilina u J. Jokubauskaitė, agenti)

*Intervenjenti, insostenn tar-rikorrenti*: Ir-Repubblika Ċeka (representanti: M. Smolek, J. Pavliš u J. Vláčil, agenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1144 tas-26 ta' Ġunju 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR) (ĠU 2017, L 165, p. 37), sa fejn teskludi ċertu infiq imwettaq mir-Repubblika tal-Litwanja.

## Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika tal-Litwanja hija kkundannata tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

3) *Ir-Repubblika Ċeka għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

([1]) ĠU C 357, 23.10.2017.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2019 – DK vs SEAE**

**(Kawża T-217/18)** ([1])

***("Servizz pubbliku – Proċeduri dixxiplinari – Kundanna kriminali – Sanzjoni ta' tnaqqis mill-ammont tal-pensjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Proporzjonalità – Obbligu ta' motivazzjoni – Ċirkustanzi attenwanti – Responsabbiltà")***

(2019/C 357/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* DK (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spac, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tas-SEAE tat-23 ta' Mejju 2017 li timponi sanzjoni dixxiplinari fuq ir-rikorrent u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens tad-dannu li r-rikorrent allegatament ġarrab minħabba l-ksur min-naħa tas-SEAE tad-drittijiet ta' difiża tiegħu fil-kuntest tal-proċeduri kriminali mibdija kontrih quddiem il-qrati Belġjani.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *DK huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 211, 18.6.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2019 – Hamas vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-308/18)** ([1])

***("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra persuni, gruppi u entitajiet fil-kuntest tal-glieda kontra t-terroriżmu – Iffriżar ta' fondi – Possibbiltà għal awtorità ta' Stat terz li tiġi kklassifikata bħala awtorità kompetenti fis-sens tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK – Bażi fattwali tad-deċiżjonijiet ta' ffriżar ta' fondi – Obbligu ta' motivazzjoni – Żball ta' evalwazzjoni – Prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Awtentifikazzjoni tal-atti tal-Kunsill")***

(2019/C 357/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Hamas (Doha, il-Qatar) (rappreżentant: L. Glock, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment B. Driessen u A. Sikora-Kalėda, sussegwentement B. Driessen u S. Van Overmeire, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/475 tal-21 ta' Marzu 2018 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1426 (ĠU 2018, L 79, p. 26), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/468 tal-21 ta' Marzu 2018 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1420 (ĠU 2018, L 79, p. 7), u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1084 tat-30 ta' Lulju 2018 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/475 (ĠU 2018, L 194, p. 144), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1071 tat-30 ta' Lulju 2018 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/468 (ĠU 2018, L 194, p. 23).

**Dispożittiv**

1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/475 tal-21 ta' Marzu 2018 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1426, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/468 tal-21 ta' Marzu 2018 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1420, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1084 tat-30 ta' Lulju 2018 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/475 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1071 tat-30 ta' Lulju 2018 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/468, huma annullati sa fejn jikkonċernaw lill-"'Hamas', inkluż 'Hamas-Izz al-Din al-Qassem'".*

2) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Hamas.*

---

([1]) ĠU C 259, 23.7.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2019 – SLL Service vs EUIPO – Elfa International (LUMIN8)**

**(Kawża T-680/18)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva LUMIN8 – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea LUMI – Raġuni assoluta ta' rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")***

(2019/C 357/38)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* SLL Service GmbH (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Schmitt, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lukošiūtė u H. O'Neill, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Elfa International AB (Västervik, l-Isvezja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Awwissu 2018 (Każ R 2752/2017-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Elfa International u SLL Service.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *SLL Service GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 25, 21.1.2019.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2019 – Executive Selling vs EUIPO (EXECUTIVE SELLING)

**(Kawża T-689/18)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva EXECUTIVE SELLING – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001")***

(2019/C 357/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Executive Selling (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: V. Bouchara u A. Maier, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, agent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Settembru 2018 (Każ R 313/2018-1), dwar reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea tas-sinjal figurattiv EXECUTIVE SELLING.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Executive Selling hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 25, 21.1.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2019 – Oakley vs EUIPO – Xuebo Ye (Rappreżentazzjoni ta' elissi mhux kontinwa)**

**(Kawża T-744/18)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta elissi mhux kontinwa – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea preċedenti li tirrappreżenta elissi – Raġuni relattiva għal rifjut – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")***

(2019/C 357/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Oakley, Inc. (Foothill Ranch, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: E. Ochoa Santamaría u I. Aparicio Martínez, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas u H. O'Neill, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Xuebo Ye (Wenzhou, iċ-Ċina)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Ottubru 2018 (Każ R 692/2018-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Oakley u Xuebo Ye.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-22 ta' Ottubru 2018 (Każ R 692/2018-1) hija annullata.*

2) *L-EUIPO hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk ta' Oakley, Inc.*

---

[1] ĠU C 65, 18.2.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Settembru 2019 – C&A vs EUIPO (#BESTDEAL)**

**(Kawża T-753/18)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea #BESTDEAL – Raġuni assoluta ta' rifjut – Assenza ta' natura distintiva – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")***

(2019/C 357/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* C&A AG (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentant: P. Koch Moreno, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: V. Ruzek, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Ottubru 2018 (Każ R 1234/2018-2), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv #BESTDEAL bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *C&A AG għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

---

([1]) ĠU C 65, 18.2.2019.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Lulju 2019 – Younique vs EUIPO – Jafer Enterprises R&D (younique products)**

**(Kawża T-434/17)** ([1])

***(Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Irtirar tal-oppożizzjoni – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)***

(2019/C 357/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti*: Younique LLC (Alpine, Utah, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Edenborough, QC)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. García Murillo u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Jafer Enterprises R&D, SLU (Granollers, Spanja) (rappreżentant: N. Fernández Fernández-Pacheco, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' April 2017 (Każ R 1564/2016-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Jafer Enterprises R&D u Younique.

**Dispożittiv**

1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Younique LLC hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha u għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

3) *Jafer Enterprises R&D, SLU, għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

([1]) ĠU C 318, 25.9.2017.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Lulju 2019 – Staciwa vs Il-Kummissjoni Europea**

**(Kawża T-511/19)**

(2019/C 357/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Katarzyna Staciwa (Częstochowa, il-Polonja) (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Novembru 2018 li ma tallokax lir-rikorrenti l-allowance temporanju previst fl-Artikolu 12(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta’ April 2019 li biha ċaħdet l-ilment tar-rikorrenti tal-21 ta’ Diċembru 2018 kontra d-deċiżjoni msemmija hawn fuq;

— tikkumpensa lir-rikorrenti għad-dannu materjali subit;

— tikkumpensa lir-rikorrenti għad-dannu mhux materjali subit;

— tikkundanna lill-konventa għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq illegalità fin-nota tal-uffiċċju tat-teżorier tal-15 ta’ Diċembru 2017.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq illegalità ulterjuri taħt l-Artikolu 12(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 12(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq allegat ta’ ksur tal-prinċipju ta’ trattament ugwali u ta’ nondiskriminazzjoni.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq allegat ksur tal-prinċipju ta’ aspettattivi leġittimi.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq allegat ksur tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta’ diliġenza.

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2019 – Adeso vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-529/19)**

(2019/C 357/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* African Development Solutions (Adeso) (Najrobi, il-Kenja) (rappreżentant: R. Martens, lawyer)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha, jiġifieri d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2019 u, għaldaqstant, tiddikjara bħala infondati it-talbiet ta' rkupru inkkonnessjoni mal-ftehimiet ta' sussidju FED/2013/313-770 u FED/2013/316-291 ekwivalenti rispettivament għal EUR 3 298 703,59 u EUR 11 919,40;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li fih hemm sanċit il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba: id-dritt għal smigħ huwa manifestament injorat bl-istess mod bħall-prinċipju ta' ċertezza legali peress li, minkejja riżervi numerużi u serji mqajjma mir-rikorrenti inkonnessjoni mar-rapport ta' verifika ikkontestat u minkejja l-bosta talbiet għal laqgħat biex jiġu ċċarati danw il-kwistjonijiet importanti pendenti, il-Kummissjoni rrifjutat li torganizza tali laqgħat filwaqt li, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita, l-osservanza tad-dritt għal smigħ hija ta' applikazzoni ġenerali u kundizzjoni għal-legalità ta' kull deċiżjoni adottata mill-istituzzjonijiet tal-UE u għaldaqstant għandha tiġi rrispettata f'kull mument u f'kull tip ta' proċedura.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ta' ekwità u ta' bona fide kuntrattwali kif sanċit fl-Artikolu 5(4) TUE peress li billi adottat immedjatament ordni ta' rkupru mingħajr ma tat lir-rikorrenti il-possibbiltà li tipprovdi spjegazzjoni adegwata għall-konklużjonijiet tal-verifika kkontestata permezz ta' rispons ġestjonarju żviluppat b'mod estensiv u tal-laqgħat proposti, il-konvenuta ma aġixxietx in bona fide u marret lil hinn minn dak li huwa adegwat u neċessarju meta kien ikun suffiċjenti ftehim bonarju fl-ewwel istanza kif kienu jippreskrivu l-kundizzjonijiet ġenerali tal-ftehim ta' sussidju. Għaldaqstant, la kien neċessarju u lanqas essenzjali għall-motivazzjoni mill-konvenuta tad-deċiżjoni tagħha li twarrab it-talba tar-rikorrenti li jinstab ftehim bonarju fl-ewwel lok. Dan l-aġir imur kompletament kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità li jimplika li jekk diversi miżuri jkunu adegwati, bħal fil-kawża odjerna, jeħtieġ li jintagħżlu dwak li huma l-inqas invażivi u onerużi (quod non).

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2019 – Militos Symvouleftiki vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-536/19)**

(2019/C 357/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Militos Symvouleftiki AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: K. Farmakidis-Markou, lawyer)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni ta' annullament, innotifikata fid-29 ta' Mejju 2019, tas-sejħa għal offerti PR/2018-16/ATH dwar il-konklużjoni tal-ftehim qafas għall-provvista ta' servizzi fil-qasam tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni, li ġiet ippubblikata fil-ĠU 2019/S 110-267174.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ta' annullament, ibbażat fuq il-motivazzjoni żbaljata u mhux fondata tad-deċiżjoni kkontestata u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni. Kuntrarjament għall-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, l-offerta ppreżentata mir-rikorrenti ma taqbisx il-baġit tal-proġett u ma huwiex ikkontestat espressament li l-offerti kollha qabżu l-baġit.

2. It-tieni motiv ta' annullament, ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tad-dispożizzjoni tas-sejħa għal offerti li tiddefinixxi l-metodu ta' evalwazzjoni komparattiva tal-offerti bħala li hija klawżola ta' esklużjoni ta' dawn tal-aħħar, jew bħala li hija kundizzjoni formali tal-preżentata ta' offerta. It-total tal-valuri ta' referenza li, skont id-deċiżjoni kkontestata, jaqbeż il-baġit tal-ftehim qafas, jikkostitwixxi biss għodda li tippermetti li tiġi ddeterminata l-offerta l-iktar vantaġġjuża u ma tikkorrispondix preċiżament mal-bżonnijiet tas-suq tas-servizzi fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-ftehim.

3. It-tielet motiv ta' annullament, ibbażat fuq l-abbuż tal-possibbiltà offruta mill-Artikolu 171 tar-Regolament finanzjarju. Il-motivazzjoni tal-annullament tas-sejħa għal offerti hija kontradittorja – fi kliem ieħor, hija turi li l-bżonnijiet tal-awtorità kontraenti ġew stmati b'mod eċċessiv u li, konsegwentement, teżisti probabbiltà raġjonevoli li l-ispejjeż finali tal-ftehim ikunu inqas meta ssir l-implimentazzjoni tiegħu – u hija vvizzjata b'lakuni; fi kliem ieħor, hija ma tirriflettix espressament li l-offerti tal-kumpanniji parteċipanti kienu jaqbżu l-baġit, liema fatturi oġġettivament joħolqu l-impressjoni li d-deċiżjoni ġiet adottata għal raġunijiet differenti minn dawk indikati.

4. Ir-raba' motiv għal annullament, ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 169(2) tar-Regolament Nru 2018/1046 ([1]).

([1]) Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, u rettifika ĠU 2019, L 60, p. 36).

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2019 – DS et vs Il-Kummissjoni u SEAE**

**(Kawża T-573/19)**

(2019/C 357/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* DS u 718-il rikorrent ieħor (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

*Konvenuti:* Il-Kummissjoni Ewropea u Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-iffissar tan-numru ta' ġranet ta' leave annwali mħallas tar-rikorrenti għas-sena 2019;

— fi kwalunkwe ipoteżi tikkundanna lill-Kummissjoni u lis-SEAE għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw motiv uniku, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità mressqa kontra l-Artikolu 6 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea għall-istess motivi bħal dawk adottati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Carreras Sequeros *et* vs Il-Kummissjoni, (T-518/16, EU:T:2018:873). Skont ir-rikorrenti, l-istituzzjonijiet konvenuti kienu rrifjutaw li japplikaw din is-sentenza minkejja li l-effetti tagħha ma humiex sospiżi, li jixbah sospensjoni illegali tal-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Awwissu 2019 – EI vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-575/19)**

(2019/C 357/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* EI (rappreżentant: R. Mbonyumutwa, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tikkumpensaha:

  — l-ewwel nett, għad-danni morali li hija ġarrbet b'riżultat ta' diskriminazzjoni minħabba l-kulur tal-ġilda tagħha u sabiex tħallasha EUR 123 600 (mija u tlieta u għoxrin elf u sitt mija) f'dan ir-rigward u,

— it-tieni net, għad-danni materjali li hija ġarrbet minħabba l-assenza ta' promozzjoni u ta' żieda b'riżultat tad-diskriminazzjoni u sabiex tħallasha EUR 48 670,56 (tmienja u għoxrin elf u sitt mija u sebgħin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu);

— tordna lill-Kummissjoni tevalwa mill-ġdid il-merti tar-rikorrenti b'mod imparzjali u oġġettiv, u jekk ikun il-każ tagħtiha promozzjoni;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-23 ta' Mejju 2019 li tiċħad l-ilment tagħha kontra d-deċiżjoni ta' nuqqas ta' promozzjoni u li tfassal lista definittiva ta' promozzjoni għas-sena 2018, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fil-proċedura ta' promozzjoni. Dan il-motiv huwa maqsum f'erbgħa partijiet.

   — L-ewwel parti, ibbażata fuq in-natura impreċiża u suġġettiva tar-rapporti ta' evalwazzjoni li għalihom huma suġġetti l-uffiċjali. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tqis li twettqu tliet żbalji. L-ewwel żball jirrigwarda l-fatt li r-rapporti tar-rikorrenti ġew redatti minn persuna waħda biss, it-tieni żball huwa marbut man-natura impreċiża tal-kontenut tar-rapporti ta' evalwazzjoni u t-tielet żball huwa derivanti mill-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-awtoevalwazzjoni tar-rikorrenti.

   — It-tieni parti, ibbażata fuq l-assenza ta' eżami oġġettiv ta' evalwazzjoni tal-għarfien tal-lingwi. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tqis li twettqu tliet żbalji. L-ewwel żball jirrigwarda l-fatt li r-rapporti tar-rikorrenti ġew redatti minn persuna waħda biss, it-tieni żball huwa marbut man-nuqqas ta' użu tal-eżamijiet oġġettivi eżistenti fis-suq u t-tielet żball huwa derivanti mill-fatt li l-evalwazzjoni ma tikkorrispondix mar-realtà.

   — It-tielet parti, ibbażata fuq in-natura suġġettiva tal-evalwazzjoni tal-livell ta' responsabbiltà eżerċitata.

   — Ir-raba' parti, ibbażata fuq in-natura suġġettiva tal-għażla tal-elementi fattwali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tinvoka żewġ argumenti.

   — L-ewwel argument huwa dak li skontu n-natura suġġettiva li tirriżulta mill-proċedura ta' promozzjoni hija biss tali li tisfavorixxi lir-rikorrenti.

   — It-tieni argument huwa dak li skontu, bi tweġiba għall-interrogazzjoni min-naħa tagħha dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' promozzjoni tagħha, is-superjur ġerarkiku tagħha weġibha permezz ta' ittra liema fatt juri li l-proċedura ta' promozzjoni la hija oġġettiva u lanqas imparzjali.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Awwissu 2019 – DV et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-576/19)**

(2019/C 357/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* DV u 10 rikorrenti oħra (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjonijiet li jiffissaw in-numru ta' ġranet ta' leave annwali mħallsa lir-rikorrenti għall-2019;

— f'kull każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw motiv uniku, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità diretta kontra l-Artikolu 6 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea għall-istess raġunijiet bħal dawk aċċettati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Carreras Sequeros *et* vs Il-Kummissjoni, (T-518/16, EU:T:2018:873). Skont ir-rikorrenti, l-istituzzjoni konvenuta rrifjutat li tapplika din is-sentenza minkejja li l-effetti tagħha ma humiex sospiżi, liema ħaġa tammonta għal sospensjoni ta' eżekuzzjoni illegali ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2019 – Borborudi vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-580/19)**

(2019/C 357/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Sayed Shamsuddin Borborudi (Tehran, l-Iran) (rappreżentant: L. Vidal, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni adottata mill-Kunsill fis-27 ta' Mejju 2018, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/855, li r-rikorrent jinżamm fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012;

— tordna lill-Kunsill ineħħi lir-rikorrent mill-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill ma osservax il-livell ta' prova meħtieġ sabiex jiġu ssanzjonati persuni u entitajiet meta inkluda u żamm lir-rikorrent fil-listi ta' sanzjonijiet tal-Unjoni, peress illi l-miżuri kkontestati ma humiex sostnuti b'ebda motiv leġittimu.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill wettaq żball ta' fatt peress illi S. S. Borborudi ma għadux jaħdem mal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (iktar 'il quddiem l-"OEAI"), peress illi l-OEAI ma għadhiex iktar entità ssanzjonata min-Nazzjonijiet Uniti u l-proġett AMAD twaqqaf fl-2003.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill wettaq żball ta’ liġi peress illi ma kkwalifikax l-importanza kwantitattiva jew kwalitattiva tal-allegat sostenn ta’ S. S. Borborudi fir-rigward tal-programm nukleari Iranjan.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill kiser l-obbligu tiegħu li jissostanzja l-miżura restrittiva li huwa adotta fir-rigward tar-rikorrent peress illi ma kkomunikax l-elementi li jagħtu prova tal-motiv li abbażi tiegħu huwa ġie ssanzjonat.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill kiser l-obbligu tiegħu li jikkomunika d-dokumenti li jsostnu l-motivazzjoni, anki wara li dawn ġew mitluba mir-rikorrent.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill kiser il-prinċipju ta’ proporzjonalità, li huwa wieħed mill-prinċipji ġenerali li l-Unjoni għandha tosserva.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Awwissu 2019 – thyssenkrupp vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-584/19)**

(2019/C 357/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* thyssenkrupp AG (Duisburg und Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Klusmann, J. Ziebarth, u M. Dästner, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni fit-totalità tagħha;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri, inklużi dawk relatati ma intervenjenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka seba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta żbaljat meta ddefiniet bħala ġodda s-swieq ta’ prodotti relevanti għall-azzar galvanizzat f’banju sħun għal applikazzjonijiet fil-karozzi (iktar ’il quddiem “Auto HDG”) u għal ċerti tipi ta’ azzar għall-ippakkjar u li dan wassal għal analiżi żbaljata tas-saħħa fis-suq wara l-konċentrazzjoni, b’mod partikolari minħabba li d-Deċiżjoni naqset milli tirrikonoxxi elementi sinjifikattivi ta’ sostitwibbiltà fil-qasam tad-domanda u tal-offerta. Għalhekk ir-rikorrenti tqis li l-konvenuta kienet żbaljata meta ma inkludietx l-azzar elettrogalvanizzat fid-definizzjoni tas-suq u injorat l-interkambjabbiltà tal-prodotti galvanizzati għall-industrija u għall-karozzi.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta kienet żbaljata meta ddefiniet is-swieq fuq skala tal-EEA minflok fuq skala dinjija kemm għall-Auto HDG kif ukoll għall-azzar għall-ippakkjar. Il-konvenuta għalhekk interpretat ħażin ir-riżultati tal-investigazzjoni tagħha tas-suq u tal-analiż tad-dokumenti interni pprovduti mill-partijiet u, billi naqset milli tagħmel analiżi ekonomika suffiċjenti, naqset milli tosserva l-proċedura xierqa u l-prinċipji ta' proċess xieraq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni allegatament ibbażat ruħha fuq provi li la kienu konklużivi u lanqas ma kienu persważivi biex tiddeċiedi li l-influssi ta' importazzjoni ma jaffettwawx il-prezzijiet EEA għall-Auto HDG u għall-ażżar għall-ippakkjar.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret ir-rekwiżiti formali essenzlai u wettqet żball sostantiv meta allegatament ikkonstatat ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva fir-rigward ta' suq ta' prodott separat għall-Auto HDG.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq id-dikjarazzjoni li, fir-rigward tal-allegati swieq ta' prodotti separati għall-landa [iktar 'il quddiem "TP"], għall-azzar miksi bi kromju permezz tal-elettrolisi [iktar 'il quddiem "ECCS"] u għall-azzar laminat, l-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-kompetittività hija bbażata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tat-test tal-ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva li illegalment tgħaqqad elementi mhux kompatibbli ta' ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva li jirriżultaw minn pożizzjoni dominanti individwali u minn effetti orizzontali mhux koordinati (oligoplastiċi). Ir-rikorrenti tallega wkoll żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet, li huwa bbażat fuq l-għażla selettiva ta' kwotazzjonijiet mill-investigazzjoni tas-suq u fuq xi ftit dokumenti interni interpretati ħażin, u li wassal sabiex il-konvenuta tinjora indebitament l-importanza ta' livelli għolja ta' importazzjonijiet ta' TP u ta' ECCS u l-potenzjal li l-kumpanniji li jerġgħu jirrumblaw ir-ruttam jidħlu fis-suq kif huma għamlu f'partijiet oħra tad-dinja.

5. Il-ħames ilment ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta ċaħdet indebitament ir-rimedji proposti għall-Auto HDG u għall-azzar għall-ippakjar. Ir-rikorrenti tallega wkoll li l-Kummissjoni naqset milli tagħmel test xieraq tar-rimedji proposti.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-obbligu li hija għandha li tipprovdi motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward tan-nuqqas ta' segwitu għat-tħassib inizjali tagħha espress fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fir-rigward tal-azzar elettriku orjentat fuq fili.

7. Is-seba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żball proċedurali meta ma inforzatx tweġibiet għal diversi talbiet għal informazzjoni mibgħuta lil atturi fis-suq fil-kuntest tal-investigazzjoni tagħha fil-Fażi I u fil-Fażi II, li ħafna drabi ma ġewx imwieġba. Ir-rikorrenti ssostni li dan irriżulta fi żball proċedurali u f'distorsjoni tal-provi.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2019 – Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs EUIPO – Fontana Food (GRILLOUMI BURGER)**

**(Kawża T-595/19)**

(2019/C 357/51)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi (Nikosija, Ċipru) (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, S. Baran, Barrister, u V. Marsland, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Fontana Food AB (Tyresö, l-Isvezja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni "GRILLOUMI BURGER" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 963 283

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Ġunju 2019 fil-Każ R 1356/2018-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż rispettivi tiegħu u għal dawk sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-applikazzjoni għal annullament.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Lulju 2019 – Taminco u Arysta LifeScience Great Britain vs EFSA**

**(Kawża T-621/17)** [1]

(2019/C 357/52)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 374, 6.11.2017.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Lulju 2019 – AMVAC Netherlands vs EFSA**

**(Kawża T-720/18)** ([1])

(2019/C 357/53)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 65, 18.2.2019.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Awwissu 2019 – Cantieri del Mediterraneo vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-335/19)** ([1])

(2019/C 357/54)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 246, 22.7.2019.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT